Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Att t'Akkuza numru 12/2021

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Lawrence Micallef

Illum 29 ta' Novembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 12 tas-sena 2021 migjuba fil-konfront tal-akkuzat Lawrence Micallef, detentur tal-karta tal-identita' numru 246563M fejn l-Avukat Generali fl-**Ewwel Kap ipremetta**:

> Illi circa fis-sena elfejn u disa' (2009) l-akkuzat Lawrence Micallef, beda' relazzjoni ma certa Omisses, mara b'zewgt itfal subien, wiehed Omisses u l-iehor Omisses. Din ir-relazzjoni bejn Omisses u l-akkuzat, damet ghaddejja ghaxar (10) snin u cioe' sa Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019). F'Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019), it-tifel iz-zghir Omisses li dak iz-zmien kellu tnax (12)-il sena, kien gie lura minn weekend somissespover ghand zijuh, Omisses. L-akkuzat kien tkellem ma Omisses u qalilha li kien qed jissuspetta hazin bil-fatt li Omisses kien qed jaghmel somissespovers ta' spiss ghand zijuh. Abbazi ta' dan is-suspett Omisses iddecidiet tkellem lil binha Omisses u staqsietu x'kien joqghod jaghmel ghand zijuh Omisses. Omisses qalilha li kien jghinu b'xi xoghlijiet id-dar. Staqsiha x'kienet ir-raguni ghalfejn kienet qed taghmillu dawn il-mistoqsijiet u ommu spjegatlu li l-akkuzat, li t-tifel kien jghajjatlu papa', kien issuspetta hazin fiz-ziju tat-tifel u cioe' Omisses. Meta Omisses sema' hekk stqarr ma ommu Omisses li

kien fil-fatt l-akkuzat Lawrence Micallef u certament mhux zijuh, li kien ilu tlett snin jabbuzah sesswalment.

Illi rrizulta illi Omisses kien gie abbuzat sesswalment b'mod ripetut mill-akkuzat Lawrence Micallef minn mindu kellu disa' (9) snin sa ma kellu tnax (12)-il sena. F'gimgha l-abbuz kien sehh gieli kuljum tant li l-minuri ma setghax jghodd id-drabi li gara. L-akkuzat kien gieli jitolbu biex jghinu f'xi haga tad-dar bhal per ezempju fit-tisjir u meta t-tifel kien imur, l-akkuzat Lawrence Micallef kien idahhal il-parti genital ta' Omisses f'halqu u meta Omisses ma kienx ikun irid jaghmel l-istess lill-akkuzat, l-akkuzat kien jisforzah billi jimbuttalu rasu lejn il-parti genital tieghu.

Illi kollox beda meta Omisses kellu biss disa' snin. Darba fost l-ohrajn kien dahal fil-kcina fid-dar fejn kien jirrisjedi ma ommu u ma huh il-kbir u sab lil huh Omisses gharkubbtejh bil-parti genitali tal-akkuzat Lawrence Micallef f'halqu. Meta l-minuri Omisses ra dan, hassu xxukjat u telaq jigri. Xi gurnata wara kien tkellem ma huh Omisses li kien qallu li ma seta' jaghmel xejn ghaliex l-akkuzat kien jheddu li jekk kien se jitkellem, kien se jwaddbu minn Ghar Hasan ghal isfel. It-tifel Omisses kien ikkonfronta lill-akkuzsat u saqsiet x'kien qed jaghmillu lil huh u l-akkuzat dlonk qallu li se jurih u wettaq sess orali fuq il-minuri Omisses. Dan l-abbuz fuq il-minuri Omisses baqa' ghaddej ghal madwar tliet snin u cioe' sa Jannar tal-elfejn u dsatax (2019) meta Omisses Omisses kellu biss tnax-il sena.

Illi dan kollu kien jigri waqt li l-akkuzat Lawrence Micallef kien suppost qieghed jiehu hsieb lill-minuri Omisses waqt li ommu kienet tkun qieghda rikoverata fis-sodda ma tistax tohrog jew timxi minhabba l-operazzjonijiet serji u numeruzi li kienet ghamlet f'dawk is-snin, anke minhabba li kienet qieghda tinghata l-kimoterapija ghall-marda tal-kancer, fost problemi ta' sahha ohra li kellha. Di fatti, kien minhabba dir-raguni li matul it-trapass ta' dawn it-tliet snin il-minuri Omisses qatt ma tkellem m'ommu dwar dak li kien qieghed ghaddej minnu precizament minhabba li l-akkuzat kien jheddu li jekk kien ser jghid lill-ommu, l-akkuzat kien se jispicca l-habs, Omisses jispicca f'istitut u ommu Omisses tispicca f'qiegh ta' qabar.

Illi bhala l-partner t'omm il-minuri Omisses u l-persuna li f'hajjet il-minuri kienet tirraprezenta l-figura ta' missier, l-akkuzat Lawrence Micallef kellu pozizzjoni rikonoxxuta ta' fiducja fejn jidhol il-minuri Omisses.

Illi ghalhekk, b'ghemilu l-akkuzat Lawrence Micallef sar hati ta' stupru aggravat, u cioe' talli fil-hmistax (15) ta' Jannar elfejn u dsatax (2019) u fix-xhur ta' snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'dawn il-Gzejjer, minghajr kunsens ikkommetta kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti

tal-gisem u/jew oggett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali tal-gisem ta' persuna ohra u cioe' ta' Omisses (ID: omisses), persuna ta' taht l-eta' ta' tnax (12)-il sena, b'dan illi l-istupru huwa wiehed aggravat stante li gie kommess fuq minuri u persua vulnerabbli peress li kellu inqas minn hmistax-il sena.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar l'fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi Lawrence Micallef, hati ta' stupru aggravat, u cioe' talli fil-hmistax (15) ta' Jannar elfejn u dsatax (2019) u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'dawn il-Gzejjer, minghajr kunsens ikkommetta kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-gisem u/jew oggett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali tal-gisem ta' persuna ohra u cioe' ta' Omisses (ID: omisses), persuna ta' taht l-eta' ta' tnax (12)-il sena , b'dan illi l-istupru huwa wiehed aggravat stante li gie kommess fuq minuri u persuna vulernabbli peress li kellu inqas minn hmistax-il sena.

Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob illi jsir skont il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat Lawrence Micallef u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn tmien (8) snin sa erbghin (40) sena, bir-rekluzjoni ghal mhux iktar minn tnax (12)-il perjodu, skont dak li hem u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 198(1), 201(a), 202(g), 202(k), 208AC(1)(b), 208AC(2)(a), 209A, 383, 384, 295, 412C, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat, kif ukoll jigu applikati fil-konfront tieghu d-dispozizzjonijiet tal-artiklul 6(2) tal-Att dwar Registrazzjoni ghall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ipremetta:**

Illi fil-kuntest tac-cirkostanzi imsemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza u cioe' fil-hmistax (15) ta' Jannar elfejn u dsatax (2019) u fix-xhur u snin ta' qabel din id-data fil-Gzejjer Maltin, l-abbuz fuq Omisses kien isehh permezz tas-sess orali li l-akkuzat kien iwettaq fuq dan il-minuri u kif ukoll billi jghid lil Omisses biex iwettaq sess orali fuq il-parti genitali tal-akkuzat. Dan kien isehh meta Omisses kemm meta l-minuri kellu tnax-il sena (12) u anka meta kien izghar. Meta Omisses ma kienx ikun irid jaghmel dan, l-akkuzat kien jisforzah billi jimbuttalu rasu lejn il-parti genitali tieghu. L-

akkuzat kien ukoll jheddu li jekk jitkellem am xi hadd fuq dak li kien ghaddej, omm il-minuri kienet tispicca tmur u Omisses kien jispicca f'istitut.

Illi ghalhekk, b'ghemilu, l-akkuzat Lawrence Micallef sar hati talli nhar il-hmistax (15) ta' Jannar elfejn u dsatax (2019) u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, gewwa l-Gzejjer Maltin, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma persuna ta' taht l-eta' ta' sittax-il sena u cioe' Omisses, b'dana illi dan ir-reat huwa wiehed aggravat stante li gie kommess fuq persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena bi vjolenza, sfurzar, forza jew theddid, liema persuna hija wkoll vulnerabbli fit-termini tal-ligi ghax kellha inqas minn hmistax (15)-il sena.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuza lill-imsemmi akkuzat Lawrence Micallef, hati talli fil-hmistax (15) ta' Jannar elfejn u dsatax (2019) u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, gewwa l-Gzejjer Maltin, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma persuna ta' taht l-eta' ta' sittax-il sena u cioe' Omisses, b'dana illi dan ir-reat huwa wiehed aggravat stante li gie kommess fuq persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena bi vjolenza, sfruzar, forza jew theddid, liema persuna hija wkoll vulernabbli fit-termini tal-ligi ghax kellha inqas minn hmistax (15)-il sena.

Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skont il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat Lawrence Micallef u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' (7) snin sa erbghin (40) sena bir-rekluzjoni ghal mhux aktar minn tnax (12)-il perjodu, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 204C(1), 204C(2)(a), 208AC(1)(b), 208AC(2), 209A, 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat kif ukoll jigu applikati fil-konfront tieghu d-dispozizzjonijiet tal-artiklu 6(2) tal-Att dwar Registrazzjoni ghall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ipremetta:**

Illi fil-kuntest tac-cirkostanzi msemmija fl-Ewwel (1) u fit-Tieni (2) Kap ta' dan l-Att t'Akkuza u cioe' fil-hmistax (15) ta' Jannar elfejn u dsatax (19) u fix-xhur u snin ta' qabel fil-Gzejjer Maltin, l-akkuzat Lawrence Micallef, kien igieghel lill-minuri Omisses iwettaq sess orali fuqu billi jdahhal il-parti genital tieghu f'halq Omisses kif ukoll billi jdahhal il-parti genitali ta'

Omisses f'halqu. L-akkuzat kien ukoll jhedded lill-minuri billi jghidlu li jekk kien ser jitkellem, omm il-minuri kienet ser tispicca tmut bl-inkwiet u Omisses kien jispicca go istitut.

Illi dan kollu kien jigri waqt li l-akkuzat Lawrence Micallef kien suppost qieghed jiehu hsieb lill-minuri Omisses waqt li ommu kienet tkun qieghda rikoverata fis-sodda ma tistax tohrog jew timxi minhabba l-operazzjonijiet serji u numeruzi li kienet ghamlet f'dawk is-snin, anka minhabba li kienet qieghda tinghata l-kimoterapija ghall-marda tal-kancer, fost problemi tas-sahha ohra li kellha. Irrizulta wkoll illi Lawrence Micallef kien juza l-mobile tat-tifel Omisses biex joqghod jara videos pornografici quddiem it-tifel qabel ma jwettaq atti sesswali fuqu.

Illi kwindi l-akkuzat Lawrence Micallef wettaq ghemil zieni li qanqal il-konkupixxjenza tal-minuri ta' taht l-eta' tas-sittax (16)-il sena, u kien konsegwenza tal-korruzzjoni tieghu.

Illi ghalhekk, b'ghemilu, l-akkuzat Lawrence Micallef sar hati talli nhar il-hmistax (15) ta' Jannar elfejn u dsatax (2019) u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, gewwa l-Gzejjer Maltin, b'ghemil zieni ikkorrompa persuna ta' taht l-eta' ta' sittax (16)-il sena u cioe' Omisses, b'dana illi dan id-delitt huwa wiehed aggravat peress li sar bi hsara ta' persuna, u cioe' Omisses, li m'ghalqitx l-eta' ta' tnax (12)-il sena; kif ukoll peress li sar fuq persuna, u cioe' Omisses, ta' taht is-sittax (16)-il sena b'theddid jew qerq; u kif ukoll peress li sar minn persuna u cioe' Lawrence Micallef, li lilu, imqarr jekk ghal xi mien tkun giet fdata l-persuna ta' taht is-sittax (16) – il sena u cioe' Omisses sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukra jew izommha.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuza lill-imsemmi akkuzat Lawrence Micallef, hati talli fil-hmistax (15) ta' Jannar elfejn u dsatax (2019) u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, gewwa l-Gzejjer Malti, b'ghemil zieni kkorrompa persuna ta' taht l-eta' ta' sittax (16)-il sena u cioe' Omisses, b'dana illi dan id-delitt huwa wiehed aggravat peress li sar bi hsara ta' persuna, u cioe' Omisses, li m'ghalqitx l-eta' ta' tnax (12)-il sena; kif ukoll peress li sar fuq persuna, u cioe' Omisses, ta' taht is-sittax (16)-il sena b'theddid jew qerq; u kif ukoll peress li sar minn persuna u cioe' Lawrence Micallef, li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, tkun giet fdata l-persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena u cioe' Omisses sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha.

Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat Lawrence Micallef u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn sitta (6) sa tletin (30) sena, skond dak li hem, u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 203(1)(a), 203(1)(b), 203(1)(c), 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat kif ukoll jigu applikati fil-konfront tieghu d-dispozizzjonijiet tal-artiklu 6(2) tal-Att dwar Registrazzjoni ghall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Illi l-Avukat Generali fir-Raba' Kap ipremetta:**

Illi rrizulta illi l-minuri Omisses ma kienx l-unika wiehed li kien gie stuprat mill-akkuzat izda dan l-istupru kien ukoll twettaq mill-akkuzat fuq Omisses (ID: omisses).

Illi fir-rigward ta' Omisses, kollox kien beda meta darba minnhom, ghall-habta tas-sena elfejn u sittax (2016), meta Omisses kellu tmintax (18) jew dsatax (19)-il sena, kien mar jitkellem mal-akkuzat biex jitolbu parir fuq kif ghandu jmur ma tfajla minhabba li din kienet xi haga li hu kien ghadu qatt m'esperjenza. L-akkuzat f'dak il-mument kien kixef il-parti genital tieghu u kien qal lil Omisses biex iwettaq sess orali fuq il-persuna tal-akkuzat biex jurih kif kienu jigru l-affarijiet. F'okkazzjoni ohra l-akkuzat kien ser iwassal lil Omisses ghax-xoghol u kien hadu n-naha tal-fabbriki ta' Hal Far, waqqaf il-vann u qal lil Omisses biex jinzel mill-vettura. Omisses kien nizel u kif hgamel hekk, l-akjkuzat nizzel il-qalziet ta' Omisses u wettaq att ta' sess orali fuq Omisses. Wara ftit minuti, qal lil Omisses biex iwettaq sess orali bil-parti genitali tal-akkuzat.

Illi hu Omisses, u cioe' Omisses, kien dahal fil-kcina tad-dar fejn kien jabita flimkien ma huh u ma ommu Omisses, f'wahda minn dawn l-okkazzjonijiet, meta Omisses kellu biss disa' snin. F'dik l-okkazzjoni, Omisses kien sab lil huh gharkuptejh bil-parti genitali tal-akkuzat f'halqu.

Illi l-akkuzat kien juza t-theddid biex ibezza u jwaqqaf lil Omisses milli jitkellem ma ommu fuq dak li verament kien ghaddej. Di fatti, l-akkuzat kien jheddu li kien ser iwaddbu minn Ghar Hasan ghall-isfel jekk jikxef dak li kien qed jaghmillu l-akkuzat. Omisses qatt ma tkellem m'ommu fuq dak li kien ghaddej minhabba l-problemi ta' sahha li kellha dak iz-zmien, apparti t-theddid tal-akkuzat Lawrence Micallef. Dan l-istupru hafna drabi kien jigri fid-dar fejn Omisses kien jghix ma huh u ma ommu u fejn l-akkuzat kien iwettaq hafna hin minhabba li l-omm Omisses, kienet tkun ma tiflahx. Dan

kollu kien jigri b'mod frekwenti hafna, gieli kuljum f'gimgha u gieli darba iva u darba le.

Illi ghalhekk, b'ghemilu, l-akkuzat Lawrence Micallef sar hati ta' stupru aggravat, u cioe' fil-hmistax (15) ta' Jannar elfejn u dsatax (2019) u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'dawn il-Gzejjer, f'dawn il-Gzejjer, minghajr kunsens ikkommetta kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-gisem u/jew oggett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali tal-gisem ta' Omisses, b'dan illi l-istupru huwa wiehed aggravat stante li gie kommess quddiem minuri u cioe' Omisses.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar l'fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi Lawrence Micallef, hati ta' stupru aggravat, u cioe' talli fil-hmistax (15) ta' Jannar elfejn u dsatax (2019) u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'dawn il-Gzejjer, minghajr kunsens ikkommetta kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-gisem u/jew oggett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali tal-gisem ta' Omisses, b'dan illi l-istupru huwa wiehed aggravat stante li gie kommess quddiem minuri u cioe' Omisses.

Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat Lawrence Micallef u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' (7) snin sa erbghin (40) sena, bir-rekluzjoni ghal mhux iktar minn tnax (12)-il perjodu, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 198(1), 202(i), 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

**Illi l-Avukat Generali fil-Hames Kap ipremetta:**

Illi rrizulta ulterjorment illi l-akkuzat Lawrence Micallef kien abbuza sesswalment mill-minuri Omisses fis-sbatax (17) ta' Dicembru elfejn u tmintax (2018) fil-Gzejjer Maltin, meta din kellha biss tlettax (13)-il sena u dan l-akkuzat kien ghamlu billi dahhal subghajh fil-parti genital taghha.

Illi dakinhar tal-akkuzat, l-akkuzat kien mar jigbor lil Omisses mill-iskola hu minhabba li ommha Omisses kienet l-isptar u Omisses, li suppost kellha tigborha hi, kien telaghlha d-deni. Meta dahlet fil-vann li kien isuq l-

akkuzat, dan qalilha li kienu se jmorru girja ghand it-tifel tieghu imbghad kien se johodha d-dar ta' Omisses biex din taghmlilha x'tiekol. Huma u sejrin lura d-dar, wara li l-akkuzat kien waqaf ghand it-tifel tieghu, ipparkja f'post imwarrab li t-tifla tghid kien jidher qisu x'imkien vicin tal-Playmobil. L-akkuzat staqsiha riditx taghmel xi affarijiet tal-kbar u Omisses irrifjutat imma l-akkuzat baqa' jinsisti maghha u jghidilha li kien ihobbha sakemm talabha tnizzel il-qalziet tat-tracksuit tal-P.E. li kienet liebsa. Il-minuri, li sabet ruhha f'post imwarrab u wehidha ma' l-akkuzat, obdiet billi hassitha li ma kellhiex ghazla u ma setghetx tahrab. Meta nizzlet il-qalziet tal-uniformi li kienet liebsa, l-akkuzat minghajr il-kunsens tal-minuri, dahhal subghajh fil-parti genital taghha. L-akkuzat talabha wkoll tmiss il-parti genital tieghu wara li hu kien kixef din il-parti ta' gismu izda Omisses irrifjutat. Lawrence Micallef kien bezza' lill-minuri Omisses billi qalilha li jekk titkellem kemm hu u kemm hi kienu se jispiccaw il-habs ghal hajjithom kollha.

Illi ghalhekk, b'ghemilu, l-akkuzat Lawrence Micallef sar hati ta' stupru aggravat, u cioe' fis-sbatax (17) ta' Dicembru elfejn u tmintax (2018), fil-Gzejjer Maltin, minghajr kunsens ikkommetta kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-gisem u /jew oggett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali tal-gisem ta' Omisses (ID: omisses), b'dan illi l-istupru huwa wiehed aggravat stante li gie kommess fuq minuri, u persuna vulnerabbli fit-termini tal-ligi peress li tali miuri kellha inqas minn hmistax (15)-il sena.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar l'fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi Lawrence Micallef, hati ta' stupru aggravate, u cioe' talli fis-sbatax (17) ta' Dicembru elfejn u tmintax (2018), f'dawn il-Gzejjer, minghajr kunsens ikkommetta kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-gisem u/jew oggett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali tal-gisem ta' Omisses (ID: omisses), b'dan illi l-istupru huwa wiehed aggravat stante li gie kommess fuq minuri, u persuna vulnerabbli fit-termini tal-ligi peress li tali minuri kellha inqas minn hmistax (15)-il sena.

Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat Lawrence Micallef u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn tmien (8) snin sa erbghin (40) sena, bir-rekluzjoni ghal mhux iktar minn tnax (12)-il perjodu, skond dak li hem u jintqal fl-artikoli 17, 31, 198(1), 202(g), 202(k), 208AC(1)(b), 208AC(2)(a), 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat kif ukoll jigu applikati fil-konfront tieghu d-

dispozizzjonijiet tal-artiklu 6(2) tal-Att dwar Registrazzjoni ghall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Illi l-Avukat Generali fis-Sitt Kap ipremetta:**

Illi fil-kuntest tac-cirkostanzi imsemmija fil-Hames (5) Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza u cioe' fis-sbatax (17) ta' Dicembru elfejn u tmintax (2018) fil-Gzejjer Maltin, l-akkuzat Lawrence Micallef ippartecipa f'attivitajiet sesswali mal-minuri Omisses ta' tlettax (13)-il sena, billi dahhal subghajh fil-parti genitali taghha.

Illi l-akkuzat hedded lil minuri Omisses li jekk titkellem fuq dak li kienet ghaddiet minnu, kemm hi u kemm l-akkuzat kienu ser jispiccaw ghomorhom il-habs.

Illi ghalhekk, b'ghemilu, l-akkuzat Lawrence Micallef sar hati talli nhar is-sbatax (17) ta' Dicembru elfejn u tmintax (2018), gewwa l-Gzejjer Maltin, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena u cioe' Omisses, b'dana illi dan ir-reat huwa wiehed aggravat stante li gie kommess fuq persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena bi vjolenza, sfurzar, forza jew theddid, u kif ukoll peress li sar fuq persuna vulnerabbli fit-termini tal-lilgi peress li tali persuna kellha inqas minn hmistax (15)-il sena.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuza lill-imsemmi akkuzat Lawrence Micallef, hati talli fis-sbatax (17) ta' Dicembru elfejn u tmintax (2018) fil-Gzejjer Maltin, gewwa l-Gzejjer Maltin, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena u cioe' Omisses b'dana illi dana ir-reat huwa wiehed aggravat stante li gie kommess fuq persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena bi vjolenza, sfruzar, forza jew theddid, u kif ukoll peress li sar fuq persuna vulnerabbli fit-termini tal-ligi peress li tali persuna kellha inqas minn hmistax (15)-il sena.

Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat Lawrence Micallef u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' (7) snin sa erbghin (4) sena, skond dak li hem u jintqal fl-artikoli 17, 31, 204C(1), 204C(2)(a), 208AC(1)(b), 208AC(2)(a), 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat, kif ukoll jigu applikati fil-konfront tieghu d-disposizzjonijiet tal-artiklu 6(2) tal-Att dwar Registrazzjoni ghall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Illi l-Avukat Generali fis-Seba' u l-Ahhar Kap ipremetta:**

> Illi, fil-kuntest tac-cirkostanzi msemmija fil-Hames (5) Kap ta' din l-Att t' Akkuza u cioe' fis-sbatax (17) ta' Dicembru, elfejn u tmintax (2018), gewwa l-Gzejjer Maltin, l-akkuzat Lawrence Micallef, fil-mument meta suppost kellu jwassal lill-minuri Omisses id-dar wara li spiccat l-iskola, kien ippenetra l-parti genital tal-minuri Omisses b'subghajh. L-akkuzat kien hareg il-parti genitali tieghu fil-prezenza tal-minuri Omisses u dan meta Omisses kellha biss tlettax (13)-il sena.
>
> Illi kwindi l-akkuzat Lawrence Micallef wettaq ghemil zieni li qanqal il-konkupixxjenza tal-minuri ta' taht is-sittax-il sena u kien konsegwenza li dan wassal ghall-korruzzjoni taghha.
>
> Illi ghalhekk, b'ghemilu, l-akkuzat Lawrence Micallef sar hati talli nhar is-sbatax (17) ta' Dicembru elfejn u tmintax (2018), gewwa l-Gzejjer Maltin, b'ghemil zieni ikkorrompa persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena, u cioe' Omisses.
>
> Ghaldaqstant l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuza lill-imsemmi akkuzat Lawrence Micallef, hati talli fis-sbatax (17) ta' Dicembru elfejn u tmintax (2018) gewwa l-Gzejjer Maltin, ikkorrompa persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena u cioe' Omisses (ID: omisses).
>
> Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat Lawrence Micallef u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn erba' (4) snin sa tmien (8) snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 203(1), 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat, kif ukoll jigu applikati fil-konfront tieghu d-dispozizzjonijiet tal-artiklu 6(2) tal-Att dwar Registrazzjoni ghall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużat Lawrence Micallef, tal-24 ta' Novembru 2022, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali talbu li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat Lawrence Micallef ghall-akkużi miġjuba kontrih,

il-piena li għandha tiġi inflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun waħda kumplessiva ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' tnax (12)-il sena, u dan oltre spejjez peritali u kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitolu 9 u Kapitolu 518 taql-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt is-seduta tallum 29 ta' Novembru 2022 l-akkużat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuża wieġeb billi stqarr li huwa kien ħati.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba u tatu ftit taż-żmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skont l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-akkużat baqa' jtenni t-tweġiba li huwa kien ħati.

Tiddikjara għalhekk lill-ħati Lawrence Micallef, ħati talli:

> Ta' stupru aggravat, u cioe' talli fil-hmistax (15) ta' Jannar elfejn u dsatax (2019) u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'dawn il-Gzejjer, minghajr kunsens ikkommetta kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-gisem u/jew oggett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali tal-gisem ta' persuna ohra u cioe' ta' Omisses (ID: omisses), persuna ta' taht l-eta' ta' tnax (12)-il sena , b'dan illi l-istupru huwa wiehed aggravat stante li gie kommess fuq minuri u persuna vulernabbli peress li kellu inqas minn hmistax-il sena.
>
> Talli fil-hmistax (15) ta' Jannar elfejn u dsatax (2019) u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, gewwa l-Gzejjer Maltin, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma persuna ta' taht l-eta' ta' sittax-il sena u cioe' Omisses, b'dana illi dan ir-reat huwa wiehed aggravat stante li gie kommess fuq persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena bi

vjolenza, sfruzar, forza jew theddid, liema persuna hija wkoll vulernabbli fit-termini tal-ligi ghax kellha inqas minn hmistax (15)-il sena.

Talli nhar il-hmistax (15) ta' Jannar elfejn u dsatax (2019) u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, gewwa l-Gzejjer Maltin, b'ghemil zieni ikkorrompa persuna ta' taht l-eta' ta' sittax (16)-il sena u cioe' Omisses, b'dana illi dan id-delitt huwa wiehed aggravat peress li sar bi hsara ta' persuna, u cioe' Omisses, li m'ghalqitx l-eta' ta' tnax (12)-il sena; kif ukoll peress li sar fuq persuna, u cioe' Omisses, ta' taht is-sittax (16)-il sena b'theddid jew qerq; u kif ukoll peress li sar minn persuna u cioe' Lawrence Micallef, li lilu, imqarr jekk ghal xi mien tkun giet fdata l-persuna ta' taht is-sittax (16) – il sena u cioe' Omisses sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukra jew izommha.

Ta' stupru aggravat, u cioe' talli fil-hmistax (15) ta' Jannar elfejn u dsatax (2019) u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'dawn il-Gzejjer, minghajr kunsens ikkommetta kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-gisem u/jew oggett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali tal-gisem ta' Omisses, b'dan illi l-istupru huwa wiehed aggravat stante li gie kommess quddiem minuri u cioe' Omisses.

Ta' stupru aggravat, u cioe' talli fis-sbatax (17) ta' Dicembru elfejn u tmintax (2018), f'dawn il-Gzejjer, minghajr kunsens ikkommetta kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-gisem u/jew oggett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali tal-gisem ta' Omisses (ID: omisses), b'dan illi l-istupru huwa wiehed aggravat stante li gie kommess fuq minuri, u persuna vulnerabbli fit-termini tal-ligi peress li tali minuri kellha inqas minn hmistax (15)-il sena.

Talli fis-sbatax (17) ta' Dicembru elfejn u tmintax (2018) fil-Gzejjer Maltin, gewwa l-Gzejjer Maltin, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena u cioe' Omisses b'dana illi dana ir-reat huwa wiehed aggravat stante li gie kommess fuq persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena bi vjolenza, sfruzar, forza jew theddid, u kif ukoll peress li sar fuq persuna vulnerabbli fit-termini tal-ligi peress li tali persuna kellha inqas minn hmistax (15)-il sena.

Talli fis-sbatax (17) ta' Dicembru elfejn u tmintax (2018) gewwa l-Gzejjer Maltin, ikkorrompa persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena u cioe' Omisses (ID: omisses).

Qieset li l-ammissjoni saret qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero' ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b'arrest tal-ħati u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi d-difiza u l-prosekuzzjoni qablu fir-rigward tal-piena li ghandha tinghata lill-hati Lawrence Micallef u cioe' dik imsemmija fir-rikors konguntiv taghhom przentata fl-atti nhar l-24 ta' Novembru 2022.

**Ikkunsidrat:**

Ghar-rigward tal-hati Lawrence Micallef, il-partijiet talbu lil din l-Onorabbli Qorti tapplika l-piena imsemmija fin-nota taghhom.

Rat il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tgħamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[1]"; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**[2]" "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[3]" (kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Illi din il-Qorti thoss li allura f'dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula fl-24 ta' Novembru 2022 u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 198(1), 201(a), 202(g), 202(k), 208AC(1)(b), 208AC(2)(a), 209A, 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll jigu applikati fil-konfront tieghu d-disposizzjonijiet tal-artiklu 6(2) tal-Att dwar

---

1 Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhr l-24 ta' Frar 1997
2 Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2002
3 Deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar is-17 ta Lulju 2002

Registrazzjoni ghall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil hati Lawrence Micallef ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal-perjodu ta' tnax (12)-il sena.

Tikkundanna wkoll lil hati l-ispejjez rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process fl-ammont ta' sittin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€60.45) u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali

Jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien sena mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur